# Glossarju Illustrat
## ta' termini mis-Sillabu tal-Istorja fis-Seba' u t-Tmien Sena

# *Illustrated Glossary*
## *of terms from the History Syllabus in Year 7 and Year 8*




HISTORIA
History Department

Directorate for Early Years, Languages and Humanities
(2025)

# Glossarju illustrat ta' termini mis-Sillabu tal-Istorja fis-Seba' u t-Tmien Sen

***Illustrated glossary of terms from the History Syllabus in Year 7 and Year 8***

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **agora**<br>*agora* | Pjazza pubblika f'belt antika Griega fejn kienet tiltaqa' l-assemblea, jintrama s-suq u jiltaqgħu n-nies. | A central public space in Ancient Greek cities used for assemblies, markets and social gatherings. |  |
| **akropoli**<br>*acropolis* | Il-parti għolja ta' belt Griega tal-Qedem li tkun iffortifikata. L-aktar waħda magħrufa hi l-Akropoli ta' Ateni. | The fortified part of an Ancient Greek city usually situated on a hill. The most famous one is the Acropolis of Athens. |  |
| **akwidott**<br>*aqueduct* | Struttura mibnija b'diversi arkati li fuqha kien jinġarr l-ilma għal distanzi twal. | A structure based on arches built to carry water over long distances. |  |
| **amfiteatru**<br>*amphitheatre* | Struttura tonda jew ovali miftuħa għall-spettakli bħal ġlied bejn il-gladjaturi u kontra annimali slavaġġ f'Ruma Antika (eż. il-Kolossew). | A large circular or oval open-air structure used for public spectacles such as gladiator contests and animal fights in Ancient Rome (*e.g.* the Colosseum) |  |
| **amfora**<br>(pl. amfori)<br>*amphora* | Reċipjenti tal-fuħħar b'par widnejn ta' żmien il-Griegi jew ir-Rumani li fiha kien jinħażen iż-żejt, il-melħ, l-inbid jew il-qamħ. | An ancient Greek or Roman clay jar with two handles and a narrow neck used to store oil, wine, milk or grain. |  |
| **arkeologu**<br>(pl. arkeoloġi)<br>*archaeologist* | Xjentist li jistudja l-istorja tal-bniedem billi jiskava artifatti u fdalijiet oħra. | A scientist who studies human history by excavating artifacts and other physical remains. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **arkeoloġija**<br>*archaeology* | L-istudju tal-istorja tal-bniedem permezz ta' skavi u l-analiżi ta' artifatti u fdalijiet oħra. | The study of human history through the excavation and analysis of artifacts and other physical remains. | <br>Laboratorju tal-Arkeoloġija<br>*Archaeology Laboratory* |
| **artifatt**<br>(pl. artifatti)<br>*artifact* | Oġġett li għandu sinifikat storiku jew kulturali magħmul u użatt mill-bniedem. | An object of historical or cultural signifance made and used by humans. |  |
| **barbaru**<br>(pl. barbari)<br>*barbarian* | Terminu użatt mill-Griegi u r-Rumani tal-Qedem għal dawk in-nies li ma kinux jafu jitkellmu bil-Grieg jew il-Latin. | A term applied by Ancient Greeks and Romans to foreigners who could not speak Greek or Latin. |  |
| **Biżantini**<br>*Byzantines* | Iċ-ċittadini tal-Imperu Ruman tal-Lvant bejn is-sena 330 W.K. u 1453 W.K. Dan kien magħruf ukoll bħala l-Imperu Biżantin. | The citizens of the Eastern Roman Empire between 330 AD and 1453 AD. Also known as Byzantine Empire. |  |
| **Bosforu**<br>*Bosphorus* | L-istrett fit-Turkija li jifred il-kontinenti tal-Ewropa u l-Asja. | The strait (narrow waterway) in Turkey that separates the continents of Europe and Asia. |  |
| **bronż**<br>*bronze* | Metall b'saħħtu magħmul minn taħlita ta' ramm u landa. | A strong metal alloy made by mixing copper and tin. |  |
| **ċenturjun**<br>(pl. ċenturjuni)<br>*centurion* | Uffiċjal fl-armata Ruman li kien jikkmanda mitt leġjonarju. Bil-Latin *centuria* tfisser 'mija'. Iċ-ċenturjuni kienu jintgħażlu għall-qlubija tagħhom fil-ġlied. | An official in the Roman army in charge of a hundred legionaries. In Latin centuria means 'one hundred'. They were chosen on account of their bravery in battle. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| ***cippus***<br>(pl. *cippi*)<br>*cippus* | Kolonna żgħira tal-ġebel li fil-kultura Antika tal-Mediterran kienet tintuża bħala offerta. Par ċippi Feniċi nstabu f'Malta fis-seklu 17 (ara l-istampa). | A small stone pillar used in Ancient Mediterranean cultures as an offering. A pair of Phoenician cippi were found in Malta in the 17th century (refer to image). |  |
| ***civitas***<br>***civitas*** | Kommunita ta' ċittadini f'Ruma Antika. Dan it-term kien japplika wkoll għall-belt ewlenija ta' Malta (Melite) fi żmien ir-Rumani. | A Latin term refering to a community of citizens in an Ancient Roman city. This term applied also to the main city of Malta (Melite) in Roman times. |  |
| ***crossbow***<br>***crossbow*** | Tip ta' qaws għamla ta' salib l-użat l-aktar fil-medjuevu li kien jispara vleġeġ waqt il-ġlied. | A bow mounted on a stock designed to shoot bolts (small arrows) used mostly in the Middle Ages. |  |
| ***domus***<br>*domus* | Dar f'belt Rumana normalment abitata minn ċittadini ta' klassi għolja. | Latin term for a Roman house located within a city usually belonging to upper class citizens. |  |
| **Doriku**<br>*Doric* | Still arkitettoniku Grieg l-iktar użat għall-kolonni. | A Greek style of architecture usually used in columns. |  |
| **farawni**<br>*pharoah* | Mexxej tal-Eġittu tal-Qedem li kien meqjuż ukoll bħala alla. | An Ancient Egyptian ruler attributed with divine powers. |  |
| **Feniċi**<br>*Phoenicians* | Ċivilta Semitika antika magħrufa għat-tbaħħir, il-kummerċ u l-iżvilupp tal-alfabett Puniku. | An ancient Semitic civilisation known for seafaring, trade and creation of the Phoenician alphabet. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **Feniċja**<br>*Phoenicia* | Ċivilta antika li żviluppat tul ix-xtut Mediterran tal-Lvant (fejn illum hemm il-Libanu). | An ancient civilisation located along the eastern Mediterranean coast (in today's Lebanon). |  |
| ***forum***<br>(pl. *fori*)<br>*forum* | Spazju ċentrali pubbliku f'Ruma Antika li kien jintuża għall-attivitajiet politiċi, kummerċjali, reliġjużi u soċjali. | The central public space in Ancient Rome used for political, commercial, religious and social activity. |  |
| **fossila**<br>(pl. fossili)<br>*fossil* | Fdalijiet ta' organiżmi li xi darba kienu ħajjin u li matul is-seklu saru tal-ġebel. | The preserved remains or impression of a once living organism typically found in rocks. |  |
| **fuħħar**<br>*pottery* | Oġġetti ikkreati mit-tafal li jissajru fin-nar. | Objects created from clay that are shaped, dried and hardened by fire. |  |
| **Gaulos/Gaudos**<br>*Gaulos/Gaudos* | L-isem Puniku ta' Għawdex. | The Punic name for Gozo. |  |
| **Gwerer Puniċi**<br>*Punic Wars* | It-tliet gwerer li kien hemm bejn Ruma u Kartaġni mis-sena 264 sas-sena 146 Q.K. u li wasslet għall-qerda tal-belt ta' Kartaġni. | The three wars fought between Rome and Carthage from 264 to 146 BC resulting in the destruction of the city of Carthage. |  |
| **gladjatur**<br>(pl. gladjaturi)<br>*gladiator* | Ġellied armat f'Ruma Antika li kien jagħti spettaklu fl-amfiteatri billi jiġġieled kontra gladjaturi oħra, annimali selvaġġi u kriminali ikkundannati. | An armed fighter in Ancient Rome who entertained people in amphiteatres by fighting against other gladiators, wild animals or condemned criminals. |  |
| **Ħagia Sofia**<br>*Hagia Sofia* | Il-knisja ewlenija f'Konstantinopli Biżantini li nbniet fis-sitt seklu W.K. mill-Imperatur Ġustinjanu l-Kbira. | The most important church in Byzantine Constantinople built in the $6^{th}$ century AD by Emperor Justinian the Great. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **Ħeġira**<br>*Hegira* | Meta Mohammed u s-segwaċi tiegħu telqu minn Mekka għal Medina fis-sena 622 W.K. Din il-ġrajja tat bidu għall-kalendarju Islamiku. | The migration of Mohammed and his followers from Mecca to Medina in 622 AD. This event marked the beginning of the Islamic calendar. |  |
| **ikona**<br>(pl. ikoni)<br>*icon* | Xbieha reliġjuża li nsibuha fil-Knisja Ortodossa u Knejjes Insara oħra fil-Lvant. | A religious image used in the Orthodox Church and other Eastern Churches. |  |
| **imperu**<br>(pl. imperi)<br>*imperu* | Numru ta' artijiet immexxija minn persuna waħda jew minn grupp ta' nies li jinkludu artijiet u popli maħkuma (eż l-Imperu Biżantin). | A large area of land ruled by a single ruler or governing body which included conquered lands and peoples (*e.g.* the Byzantine Empire). |  |
| **imperatur**<br>(pl. imperaturi)<br>*emperor* | Mexxej sovran b'setgħat kbar li kien jaħkem fuq imperu (eż. l-Imperatur Ruman Ċesri Awgustu). | The single ruler with extensive power who ruled over an empire (*e.g.* Roman Emperor Augustus Caesar). |  |
| **ġeroglifiċi**<br>*hieroglyphs* | Simboli użati għall-kitba fl-Eġittu tal-Qedem. Kull simbolu jirrappreżenta kelma, ħoss jew idea. | Symbols used in Ancient Egyptian writing. Each hieroglyph represents a word, a sound or idea. |  |
| **Joniku**<br>*Ionic* | Still arkitettoniku Grieg l-iktar użat għall-kolonni. | A Greek style of architecture usually used in columns. |  |
| **Kartaġni**<br>*Carthage* | Belt li żviluppat minn kolonja tal-Feniċi u li wara saret il-belt kapitali tal-Imperu Karatġiniż. Il-fdalijiet tagħha llum jinstabu fit-Tuneżija. | A city developed from a Phoenician colony which later became the capital of the Carthaginian Empire. Its ruins are found in present-day Tunisia. |  |
| **Kartaġiniżi**<br>*Carthaginians* | Il-ġens u l-oġġetti assoċjati mal-belt jew l-imperu Kartaġiniż. | People and things associated with the ancient city or empire of Carthage. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **Kolossew**<br>*Colosseum* | Amfiteatru f'Ruma magħruf għall-ġlied bejn il-gladjaturi u spettakli oħra għall-pubbliku. | An amphiteatre in Rome known for hosting gladiator contests and other public entertainments. |  |
| **konslu**<br>(pl. konsli)<br>*consul* | Wieħed mill-maġistrati eletti li kellu setgħat eżekuttivi u ġudizzjari, fiż-żmien meta Ruma Antika kienet repubblika. | One of the elected magistrates when Ancient Rome was a republic, having executive and judicial authority. |  |
| **katakombi**<br>*catacombs* | Post ta' dfin taħt l-art li kien jikkonsisti f'passaġġi u oqbra mħaffrin fil-blat fl-era antika. | Underground burial places often consisting of passages and tombs dug in the rock in ancient times. |  |
| **Koran/Quran**<br>*Koran/Quran* | Il-ktieb tar-reliġjon Islamika. | The book of the Islamic religion. |  |
| **Korintu**<br>*Corinthian* | Still arkitettoniku Grieg l-iktar użat għall-kolonni. | A Greek style of architecture usually used in columns. |  |
| **Kostantinopli**<br>*Constantinople* | Il-kapitali tal-Imperu Biżantin mis-sena 330 sal-1453 W.K. imwaqqfa' mill-Imperatur Kostantinu l-Kbir. Illum magħrufa bħala Istanbul fit-Turkija. | The capital of the Byzantine Empire from 330 to 1453 AD founded by Emperor Constantine the Great. Today it is known as Istanbul in Turkey. |  |
| **leġjun**<br>(pl. leġjuni) *legion* | Grupp ta' 5,000 suldat f'Ruma Antika magħruf għall-organiżazzjoni u tattiċi tal-ġlied. | A 5,000-strong military unit in Ancient Rome known for its organisation and battle tactics. |  |
| **leġjonarju**<br>(pl. leġjunarji)<br>*legionary* | Suldat Ruman imħarreġ fil-ġlied li kien iservi f'wieħed mil-leġjuni tal-armata Rumana Antika. | A highly trained and disciplined soldier serving in one of the legions of the Ancient Roman army. |   |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| ***Mare Nostrum***<br>*Mare Nostrum* | L-isem li r-Rumani kienu taw lil Baħar Mediterran | The name by which the Romans referred to the Mediterranean Sea. |  |
| **Medina**<br>*Medina* | Belt fl-Arabja Sawdita fejn Muħammed waqqaf l-ewwel kommunità Musulmana wara l-ħarba minn Mekka. | A city in Saudi Arabia where Muhammad founded the first Muslim community after his flight from Mecca. |  |
| **megalitiku**<br>(pl. megalitiċi)<br>*megalithic* | Ħaġar kbir li kien jintuża fit-tempji peristoriċi. Mill-grieg *mega lithos.* | Huge stones used in prehistoric temples. From the Greek words *mega lithos*. |  |
| **Mekka**<br>*Mecca* | Belt fl-Arabja Sawdita meqjusa l-iktar belt qaddisa fl-Islam fejn twieled Muħammed. | A city in Saudi Arabia considered to be the holiest city for Islam and the birthplace of Muhammad. |  |
| **Melite**<br>*Melite* | L-isem ta' Malta bil-Grieg antik fi żmien Puniku u Ruman. Bil-Latin inbidel f'*Melita*. | Malta's name in Ancient Greek in use in Punic and Roman times. Known as *Melita* in Latin. |  |
| **moskea**<br>*mosque* | Post ta' qima għall-Musulmani. | A place of worship for Muslims. |  |
| **mummja**<br>*mummy* | Il-preservazzjoni ta' ġisem ta' bniedem jew annimal bl-iskop li jibqa' intatt għall-eternità. | The preservation of a dead human or animal corpse with the intention of keeping it intact for eternity. |  |
| ***murex trunculus***<br>*murex trunculus* | Bebbuxu tal-baħar li minnu l-Feniċi kienu jipproduċu l-kulur vjola għad-drapp. | A sea snail used by the Phoenicians to produce the purple dye for cloth. |  |

| **Terminu/Term** | **Tifsira** | **Definition** | **Stampa/Image** |
|---|---|---|---|
| **Neolitiku**<br>(pl. Neolitiċi)<br>*Neolithic* | Iż-Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar, mill-Grieg antik *neo lithos*. | The New Stone Age derived from the Ancient Greek words *neo lithos*. |  |
| **papiru**<br>(pl. papiri)<br>*papyrus* | Materjal li kien isir mill-pjanta tal-papiru u li kien jintuża mill-Eġizzjani tal-Qedem biex jiktbu fuqu. | A material extracted from the papyrus plant used by the Ancient Egyptians as a writing surface. |  |
| **Pantheon**<br>*Pantheon* | Tempju ddedikat għall-allat Rumani kollha magħruf għall-koppla kbira tiegħu. | A temple dedicated to all the Roman gods known for its massive dome. |  |
| **Parthenon**<br>*Parthenon* | It-tempju tal-Griegi tal-Qedem fl-Akropoli ta' Ateni ddedikat lil alla Atena. | The Ancient Greek temple on the Acropolis of Athens dedicated to the goddess Athena. |  |
| **Patrijarka**<br>(pl. Patrijarki)<br>*Patriarch* | Mexxej reliġjuż tal-Knisja Ortodossa. | A religious leader in the Orthodox Church. |  |
| **patrizju**<br>(pl. patrizji)<br>*patricians* | Membru tal-klassi għanja f'Ruma antika. | A member of the wealthier class in Ancient Rome. |  |
| ***Pax Romana***<br>*Pax Romana* | Mitejn sena ta' paċi u ġid fl-Imperu Ruman kollu bejn 27 QK and 180 WK. | Two hundred years of peace and wealth throughout the Roman Empire between 27 BC and 180 AD. |  |
| **piramida**<br>(pl. piramidi)<br>*pyramid* | Binja b'forma triangolari użata minn ħafna ċivilitajiet għal skopijiet differenti. | A triangular-shaped building used by different civilizations for a variety of uses. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **plebew**<br>(pl. Plebej)<br>*plebeian* | Bniedem komuni fis-soċjetà Rumana Antika. | A commoner in Ancient Rome. |  |
| **preistorja**<br>*prehistory* | Il-perjodu storiku qabel l-invenzjoni tal-kitba. | The period of time before the invention of writing. |  |
| **pretur**<br>(pl. preturi)<br>*praetor/protos* | Magistrat elett għal sena fi Żmien ir-Repubblika Antika Rumana. | An annually elected magistrate of the Ancient Roman Republic. |  |
| **Puniku**<br>(pl. Puniċi)<br>*Punic* | Kelma li tirreferi għall-Kartaġiniżi. | A term refering to the Carthaginians. |  |
| **Olimpus**<br>*Olympus* | Il-muntanja fil-Greċja fejn il-Griegi tal-Qedem kienu jemmnu li jgħixu l-allat. | The mountain on which the Ancient Greeks believed that the gods resided. |  |
| **Olimpjadi**<br>*Olympics* | Avveniment sportiv ta' kull erba' snin mill-Griegi tal-Qedem taħt il-muntanja Olimpus. | A sports festival held every four years in Ancient Greece close to Mt Olympus. |  |
| **raddi**<br>*ruts* | Kanali paralleli dritti jew mgħawġin imħaffrin fil-wiċċ tal-blat | Parallel straight or curved tracks cut on the surface of solid rock. |  |
| **Ramadan**<br>Ramadan | Iż-żmien ta' sawm għall-Musulmani. | The time of fasting for the Muslims. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **riljev**<br>(pl. riljevi)<br>*relief* | Skultura b'elementi tridimenzjonali fuq bażi ċatta. Fi żmien Ruma antika, l-aktar riljevi komuni kienu juru figuri maqlugħin il-barra fuq skond ċatt. | A sculpture having 3-D elements raised from a flat base. In Ancient Roman times, the most common form of relief art consisted of carved figures protruding from a flat background. |  |
| **santwarju**<br>(pl. santwarji)<br>*sanctuary* | Post importanti ta' qima (eż. Tas-Silġ, Marsaxlokk). | A renowned place of worship (*e.g.* Tas-Silġ, Marsaxlokk). |  |
| **sarkofagu**<br>(pl. sarkofagi)<br>*sarcofagus* | Kontenitur li fih kien jitqiegħed it-tebut bil-ġisem tal-mejjet. | A container in which the coffin containing the body of the deceased is placed. |  |
| **Senat Ruman**<br>*Roman Senate* | l-Assemblea ta' Ruma magħmula bejn 300 u 500 senatur maħtura l-aktar mill-klassi tal-patrizji. Fis-Senat, l-Imperatur kien imexxi d-diskuzzjoni u jressaq liġijiet ġodda. | The advisory council consisting of 300 - 500 senators serving for life mostly from the patrician class. In the Senate, the Emperor presided over discussions and proposed new laws. |  |
| **senatur**<br>(pl. senaturi)<br>*senator* | Wieħed mill-membri tas-Senat Ruman. | One of the members of the Roman Senate. |  |
| **sfinġa**<br>*sphynx* | Binja f'għamla ta' annimal u ras ta' bniedem (eżempju dik li hemm f'Giża fl-Eġittu). | A structure in the form of an animal with the human head (e.g. the one found at Giza in Egypt). |  |
| **skrizzjoni**<br>(pl. skrizzjonijiet)<br>*inscription* | Kitba mnaqqxa fuq materjal iebes. | Writing engraved on a hard surface. |  |
| **tempju**<br>(pl. tempji)<br>*Temple* | Post fejn issir il-qima lill-allat. | A place of worship of the gods. |  |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
|---|---|---|---|
| **terrakotta**<br>*terracotta* | Tafal imsajjar fil-forn biex isir fuħħar. | Fired clay to produce pottery. |  |
| **thermae**<br>*thermæ* | Banjijiet pubbliċi jew privati ta’ żmien ir-Rumani. | Public or private baths during ancient Roman times. |  |
| **trapetum**<br>*trapetum* | Magħsar għaż-żebbuġ kif kien magħruf fi żmien ir-Rumani. | An olive press as it was known in Roman times. |  |
| **trirem**<br>*trireme* | Xini tal-gwerra taż-żmien Klassiku bi tliet saffi ta’ mqadef. | A warship with three layers of oars used in Classical times. |  |
| **wirt storiku**<br>*historical heritage* | Dak li għandu x’jaqsam mal-istorja u l-kultura tal-pajjiż jew komunità ta’ nies. | All that constitutes the history and culture of a country or community of people. |  |
| **Żnied**<br>*flint* | Ġebla iebsa użata għall-għodda u biex tqabbad in-nar. | A hard rock used to make tools or light fire. |  |
| | | | |
| | | | |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
| --- | --- | --- | --- |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

| Terminu/Term | Tifsira | Definition | Stampa/Image |
| --- | --- | --- | --- |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

Directorate for Early Years, Languages and Humanities
(2025)